TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT81/16/F

Jonathan Grange
Vs
Jurgen Schembri għan-nom ta' Digital Zone

Illum 6 ta' Lulju 2016

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ippreżentati fil-15 ta' April 2016, fejn ir-rikorrenti talab jew danni ta' €820 jew inkella ibiddillu it-television.

**Ikkunsidra is-segwenti**

Ir-rikorrenti mar jixtri television mingħand is-soċjeta intimata u ġewwa il-ħanut rappreżentant tal-intimat spjegalu u ippruvalu it-television u ra li kien qed jaħdem tajjeb. Wara ippakkaħjulu u ir-rikorrenti ħa it-television id-dar. Kif neħħa il-packing u armah innota li it-television kellu ħsara mill-ewwel.

L-intimat issottometta li dak kien riżultat ta' traġitt mill-karozza għal ġo d-dar tiegħu li ġralu u offrielu għand min jista jissewwa. Ir-rikorrenti irrifjuta għaliex kien taħt garanzija.

It-Tribunal jinnota li il-garanzija ma tkoprix il-ħsarat li ġraw u fl-opinjoni tat-Tribunal setgħet ġrat ħsara mill-vettura għad-dar tar-rikorrenti

**Għal dawn il-motivi**

It-Tribunal qiegħed jiċħad it-talba tar-rikorrenti u l-ispejjeż jiġu sopportati bejn il-partijiet

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888